PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10058 – Porsche/Transnet/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 419/12)

1. Fis-27 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Dr. Ing. h.c. F. Porsche Aktiengesellschaft ("Porsche", il-Ġermanja).

— TransnetBW GmbH ("Transnet", il-Ġermanja),

Porsche (permezz tas-sussidjarja tagħha MHP) u Transnet għandhom l-intenzjoni li jakkwistaw kontroll konġunt skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament tal-UE dwar il-Kontroll tal-Għaqdiet fuq kumpanija li għad trid tiġi stabbilita, jiġifieri kumpanija ta' impriża konġunta ("JVC").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-Porsche: sussidjarja posseduta kollha, ikkontrollata indirettament, ta' Volkswagen Aktiengesellschaft ("VWAG"), attiva madwar id-dinja fl-iżvilupp, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief, trakkijiet, karozzi tal-linja, kowċijiet, xażi għax-xarabanks u magni diżil, roti bil-mutur, kull waħda inklużi spare parts, u aċċessorji. Il-Grupp VW jinvolvi ruħu wkoll fid-distribuzzjoni tal-vetturi.

— għal Transnet: operatur tas-sistema ta' trażmissjoni bil-kwartieri ġenerali tiegħu fi Stuttgart, il-Ġermanja. Transnet topera parti kbira mis-sistema ta' trażmissjoni f'Baden-Wuertemberg. Transnet hija sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' EnBW Energie Baden-Württemberg AG ("EnBW"), kumpanija integrata tal-provvista tal-enerġija bbażata fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10058 – Porsche / Transnet / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË